MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1077/2006

**Joseph Oliver Ruggier**

**Vs**

**Norman Zammit**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' tnax-il elf u seba' mitt lira Maltin (Lm12,700) rapprezentanti somma mislufa lill-intimat mill-istess rikorrenti ai termini ta' dikjarazzjoni iffirmata mill-intimat stess nhar il-25 ta' Novembru;

Illi s-somma ta’ tnax-il elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm 12,700), kellha tigi rifuza mill-intimat favur ir-rikorrenti sa l-ahhar tax-xahar ta’ Settembru, 2006 u dan ukoll ai termini tad-dikjarazzjoni surrefita;

Illi ghalhekk l-intimat gie interpellat anke ufficjalment permezz ta’ ittra ufficjali datata 17 ta’ Ottubru, 2006 sabiex ihallas l-ammont ta’ tnax-il elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm 12, 700) skond l-imsemmija dikjarazzjoni, huwa baqa’ inadempjenti u ma hallas xejn;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talba ta’ l-istess rikorrenti;

Jghid ghalhekk l-intimat l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, dispensat is-smiegh ta’ dan ir-rikors, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta, u in vista ta’ l-affidavit guramentat;

1. Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;
2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta’ tnax-il elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm 12,700) rapprezentanti somma mislufa lill-intimat mill-istess rikorrenti ai termini ta’ dikjarazzjoni iffirmata mill-intimat nhar il-25 ta’ Novembru, 2005;
3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tnax-il elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm 12,700) rapprezentanti somma mislufa lill-intimat mill-istess rikorrenti ai termini ta’ dikjarazzjoni iffirmata mill-istess intimat nhar il-25 ta’ Novembru, 2005.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra datata 17 ta’ Ottubru, 2006, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Joseph Oliver Ruggier u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------